**FATTI**

Fis-17 ta' Gunju 2024 waqt li l-ufficjali mill-awtorita' tad-Dwana ta' Malta kienu qed iwettqu spezzjonijiet ta' rutina fuq kontejners li kienu waslu Malta, innutaw irregolaritajjiet f'kontejner tal-kumpanija CMA CGM li kien gej mill-Marokk u destinat ghal Libja. Il-kontejner gie spezzjonat permezz tat-taghmir tal-Xray, u deheru 6 kontenituri kbar li gewwa fihom kien jidher materjal organiku, ghal kuntrarju ta' dak iddikjarat, fejn suppost dawn kienu fran ta' induzzjoni. Meta nfetah il-kontejner gew spezzjonati u infetah wiehed mill-kontenituri u gewwa fih deheru 6 kontenituri mdaqqsin ohra li gewwa fihom, meta gew mcarrta, deheru diversi blokkok suspettati raza tal-kannabis. Din l-operazzjoni baqghat ghaddejja fuq jumejn cioe sad-19 ta' Gunju 2024 fejn instab ammont konsiderevoli ta' sustanza allegatament raza tal-kannabis li baqghu taht sorveljanza tal-pulizija gewwa l-Freeport. L-ispettur Mark Mercieca ghalhekk gharraf lill-Magstrat tal-Ghassa b'din is-sejba u talab lil Qorti sabiex jittiehdu l-proceduri mehtiega skont l-artikoli 540 u 546 'et sequitur' tal-Kodici Kriminali. Infethet inkjesta mill-Magistrat u gew nominati l-ispizjar Godwin Sammut u PS 1147 Andrew Fenech. Id-droga kienet ta' madwar 4 tunellati (4,299.5 kilos) u giet ezibita formalment f'atti tal-inkjesta u billi z-zamma ta' tali esebit kienet tikkostitwixxi perikolu sostanzjali kemm fir-rigward ta' sahha kif ukoll riskju tas-sigurta', u billi dina kienet se tiehu ammont konsiderevoli ta' spazju, ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali talab id-distruzzjoni taghha ai termini tal-artikolu 673(1)(a) u (c) tal-Kodici Kriminali b'dan li dina d-distruzzjoni ssir taht dawk is-salvagwardi kollha msemmija fl-artikolu 22E tal-Kap 101 u artikolu 670 tal-Kap 9. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezibita wara li l-esperti jespletaw l-inkarigu taghhom u li dina d-distruzzjoni ssir taht is-sorveljanza tal-Magistrat inkwirenti. Ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali talab lill-Magistrat Inkwerenti li d-droga tigi mghassa mill-pulizija sakemm tigi distrutta. Il-Magistrat inkwrenti laqa' t-talba u ordna li d-droga tinzamm il-Port Hieles sakemm tigi distrutta u li tigi mghassa mill-ufficjali tal-Pulizija 24 siegha kuljum mill- 20 ta' Gunju 2024 sakemm tigi distrutta definittivament. Il-Pulizija baqghu dejjem ghassa mad-droga anke meta partijiet mid-droga ttiehdet fl-incineratur ghad-distruzzjoni f'zewg okkazzjonjiet meta mbaghad l-incineratur waqaf jahdem u d-droga kellha terga' titpogga lura l-Freeport bl-ghassa mill-pulizija. Il-Pulizija baqghu ghassa mad-droga kif ordnati mill-Magistrati Inkwerenti mill-20 ta' Gunju 2024 sa Jannar 2025 meta d-droga ttiehdet bi skorta tal-pulizija fil-barracks tal-AFM u c-cwievet tas-sigill tal-kontejner thallew

f'idejn l-exhibit officer tal-Qorti Andrea Azzopardi. Fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Frar, 2025 insterqet parti mir-rezina tal-kannabis li kienet mahzuna fil-kwartieri tal-Forzi Armati ta' Malta f'Hal Safi.

## Konsiderazzjonijiet

## Problema ta' meta jinqabdu ammonti kbar ta' droga

Iz-zamma u kustodja ta' ezibiti li jaghmlu parti minn inkjesti u kawzi kriminali u qabdiet ta' droga kbar minn dejjem kienu jgibu problemi maghhom, kemm dawk logistici u kif ukoll dawk ta' risjku u sigurta'. Dan aktar u aktar dan l-ahhar zmien meta b'apparat tal-iscanning aktar soffistikat u xoghol 24/7 mid-dwana qed jinqabdu kwantitajiet kbar ta' droga.

Ir-ragunijiet principali ghal dawn il-problemi huma li ma hemmx postijiet adegwati fejn dina d-droga tigi storjata u t-tieni li id-distruzzjoni taghha hawn Malta hija problematika, specjalment minhabba l-fatt illi l-inceneratur tal-Marsa mhux intiz biex jahraq droga in bulk imma l-hruq irid ikun staged fuq perjodu ta' granet u mhux f'gurnata wahda kif ipprovaw li jsir f'dan il-kaz.

Gie allegat li l-inceneratur huwa wiehed antik, li d-droga tiehu hafna hin biex tigi distrutta u li hafna drabi jkun bil-hsara u jdum biex jissewwa.

Ic-CEO tal-WasteServ, Richard Bilocca xehed li l-forn, ghalkemm huwa wiehed industrijali, mhux intiz biex jahraq id-droga. Hu jahraq waste tal-biccerija, bhal annimali, skart kliniku u skart iehor simili. Kull erba gimghat iridu jwaqqfuh ghas-service jew shutdown biex jistrieh. Ic-CEO tal-Qorti xehdet li f'dan il-kaz meta l-inceneratur gralu l-hsara u waqaf wara t-tielet harqa tad-droga hi giet infurmata mis-sur Bilocca li ghandu madwar 7 xhur biex l-inceneratur ikun jista' jerga' jopera. Dina l-allegazzjoni giet michuda minn Richard Bilocca li qal li meta waqaf inceneratur bil-hsara dan ma damx dawk ix-xhur biex jerga jibda jahdem u esebixxa l-logs u qal li dana setgha jigi verifikat mill-live monitoring system u anke mir-rapporti li huma jaghtu lil ERA li juri li l-inceneratur kien rega' beda jopera xi 4 gimghat wara. Ighid li bejn Lulju u Dicembru 2024 huma ma kellhomx kommunikazzjoni mill-

Qorti biex jkomplu jaharqu il-kumplament tad-droga u minn naha tal-Qorti kienu qed jaraw x'mezzi ohra kien hemm biex jiddisponu mid-droga.

WasteServ kienu offrew li jzommu dik id-droga go area li huma ghandhom bis-security tal-pulizija biex meta jkomplu jaharqu idahhluha max-xoghol taghhom normali izda dina l-proposta ma gietx accettata minhabba problemi ta' logistika mill-Qorti u l-pulizija. Id-droga tiehu hafna hin biex tahraqha u kull darba jrid ikun hemm prezenti il-Magistrat, nies mill-Qorti u heavily armed police li huma mhumiex imdorrijin fl-ambjent fejn jahdmu. Huma jahdmu taht l-ordnijiet tal-Magistrat.

L-ispettur Mark Mercieca xehed li huma konxi li wara dakinhar li l-inceneratur gratlu hsara dana tranga u beda jahdem u bhala pulizija talbu sabiex jergghu jaharqu. Ghamel telefonati u anke l-ispettur Alfredo Mangion u c-CEO Bilocca qallu li hu lest li jghinhom imma mhux bl-inceneratur. Hu ssuggerixxa l-encapsulation imma dina l-procedura ma kinitx safe u possibili fil-kaz tal-cannabis. Is-CEO tal-Qorti kienet esplorat l-possibilita' li droga kokaina titlhallat mal-konkos u ma tkunx tista' tigi estratta u anke ippruvaw ifittxu metodi alternattivi ghall-incineratur, bhal possibilita' illi d-droga tittiehed barra minn Malta bil-bahar jew bl-art, pero' it-tragitt jiehu z-zmien ukoll u hemm riskji wkoll. Fittxew anke jekk hux possibbli li d-droga tittiehed bl-ajru.

Wara li saret is-serqa minghand l-AFM. fil-11 ta' Marzu 2025 minn naha tal-Qorti kitbu lill-WasteServ hekk: As you might be aware, there is a considerable amount of drugs that needs to be destroyed, **We are aware that the incinerator is functioning again** and need to carry out the necessary destructions as soon as possible. May you very kindly give me an appointment to carry out these destructions? Richard Bilocca wiegeb: **The incinerator was back online on 19 July 2024, just 15 days after that fault**. I trust this clarifies any misconceptions in relation to your statement 'we are aware that the incinerator is functioning again'.

Jidher li setgha kien hemm xi nuqqas ta' fethim u bejn Lulju u Dicembru l-informazzjoni li kienet qed tinghata min naha tal-Qorti kienet li l-inceneratur kien se jkollu hafna xhur biex jittranga u mill-ittra fuq referita donnu hemm konferma li l-Qorti issa ndunat li *the incinerator is functioning aga*in meta fil-

fatt kien ilu jahdem skont il-provi prodotti minn Lulju 2024.

**Zamma u kustodja ta' esibiti**

Hemm problema ohra dwar storage sigur ta' oggetti li jinqabdu u jigu prezentati taht l-awtorita tal-Qorti. Il-problema hija li ma hemmx postijiet fissi allokati fejn kwantitajiet kbar ta' droga u ezibiti jigu mizmuma u kustoditi. Ikun hemm ammonti kbar u dawn jiswew hafna flus.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jsostni li l-proprjeta' tad-droga meta tigi ezibita l-Qorti hi proprjeta' tal-Qorti u rrefera ghal Artikolu 669 tal-Kodici Kriminali u L.S. 9.07. PROPRJETÀ MIŻMUMA TAHT IL-KODIČI KRIMINALI dwar fejn ghandhom jinzammu l-oggetti.

Il-persuni li gejjin ghandhom iżommu, f'isem ir-Registratur tal-Qrati Kriminali, l-proprjetà msemmija biswit isimhom:

Il-Kummissarju tal-Pulizija - Armi u munizzjon, inklużi partijiet minnhom;
Il-Bridgadier tal-Forzi Armati- - Splużivi, detonaturi, kimiči perikolużi u sustanzi ohra jew materjal kombustibbli;
Id-Direttur tas-Sahna - Medičinali perikolużi
Id-Direttur tal-Mużewijiet - Oggetti ta' Valur storiku jew artistiku
Il-Gvernatur tal-Bank Čentrali - Flus, čertifikati finanzj arji, deheb, fidda, hagar prezzjuż u oggetti ohra prezzjużi.

3. Proprjetà li tinżamm minn dawk il-persuni ghandha tinżamm f'post sigur mill-persuni nominati u ma ghandhomx jintużaw minn xi persuna jew jinghataw lil xi persuna hlief kif jigi ordnat mir-registratur tal-Qrati Kriminali.

4. Il-Kummissarju tal-Pulizija huwa l-persuna li f'idejha armi tan-nar, munizzjon, splużivi jew sustanzi perikolużi ohra kkonfiskati favur il-Gvern skont ma hemm fil-Kodici Kriminali, ghandhom jiğu kkunsinnati mir-registratur sabiex dawn l-oğgetti jitnehhew.

669. (1) Ir-reğistratur għandu jiżgura li l-oğğetti kollha lilu kkunsinnati għandhom jiğu katalogati, maħżuna u prezervati sew kif ukoll miżmuma

f'post sigur li jiġi stabbilit mir-reġistratur.

Fil-kaz in ezami b'ordni tal-Magistrat Inkwerenti fuq talba tal-Qorti d-droga thalliet il-Freeport sakemm dina kellha tigi distrutta malajr. Il-Kummissarju tal-Pulzija, id-Dwana, tal-WasteServ u anke l-Armata kollha qalu li mhux xoghol taghhom li jzommu droga fil-kustodja taghhom u lanqas ma huma attrezzati ghalhekk. Anke il-Qorti m'ghandhiex fejn tistorja kull ma jigi ezibit ghandha.

Id-Dwana sosstni li 'their premises were not meant to serve as a security vault but only as an inspection post' u li d-droga li hallew il-Freeport ghal xhur shah kienet qed tiqies ta' perikolu ghall-haddiema tad-Dwana li kienu anke qed jheddu li jiehdu azzjoni industrijali. Il-Bridgadier tal-Armata qal li huma mhumiex attrezzati biex izommu droga u dik kienet l-ewwel darba li zammewha u dana ghax issemmiet li jista' jkun hemm inkwiet il-Port u ntalbet l-assistenza taghhom. Il-Kummissarju tal-Pulizija ilmenta li l-Pulizija ghandha hafna droga u hafna karozzi mizmuma f'postijiet tal-pulizija li l-hija ma tistax tuza ghall bzonnijiet ohra taghha.

Il-principju hu li droga maqbuda m'ghandhiex tinzamm ghal zmien twil storjata kemm minhabba sigurta' u visibility u trid tigi distrutta kemm jista' jkun maljar ghax kull gurnata mizmuma d-droga hija zjeda. Jittiehdu kemm jittiehdu mizuri dejjem jibqa r-riskju kif indikaw tad-dwana [ara xhieda George Scerri) meta dawn ma riedux ikomplu jzommu d-droga ghandhom. Aktar ma jkunu jafu persuni aktar sa jkun hemm riskju. Iz-zamma u kustodja tal-ezibiti skont il-ligi hija responsabilita' tal-Qorti u dawn ikunu ghandhom u l-Qorti ma tistax taghmel mod iehor.

**Kif id-droga spiccat ghand l-AFM**

**a) li jigu stabbiliti l-fatti, l-processi, proceduri, ligijiet u sistemi li wasslu biex esebit tal-Qorti gie kkustodit ghand il-Forzi Armati ta' Malta.**

Il-Magistrat inkwrenti kien laqa' t-talba tal-Agenzija tal-Qorti biex id-droga ezibita tinzamm il-Freeport sakemm tigi distrutta u giet mghassa mill-ufficjali tal-Pulizija 24 siegha kuljum mill- 20 ta' Gunju 2024. Parti mid-droga ttiehdet fl-incineratur ghad-distruzzjoni f'zewg okkazzjonjiet meta imbaghad l-incineratur waqaf jahdem u l-kumplament tad-droga li ma nharitqx regghet ittiehdet lura l-Freeport bl-ghassa mill-pulizija. Fis-6 ta' Dicembru George Scerri, Direttur tal-Enforcement tad-Dwana, baghat email indirizzata lil diversi nies fejn infurmahom illi d-droga ma setghetx tibqa' l-Freeport billi dina kellha tinzamm ghandhom ghal ftit zmien u li kienet qed tiqies ta' perikolu ghall-haddiema u li dawn kienu qed jheddu illi jiehdu azzjoni industrijali. Ic-CEO tal-Agenzija tal-Qorti nffurmat lil Permanent Secretary tal-Gustizzja Johan Galea biex isibu soluzzjoni. Fil-27 ta' Dicembru 2024 c-CEO flimkien mad-Deputy Commissioner S. Gatt iddiskutew il-possibilita' li d-droga tittiehed go garage tal-Qorti barra mill-Belt izda ma kienx hemm qbil minhabba riskju nuqqas ta' sigurta'. DC Gatt issuggerixxa li jikkuntattjaw l-Armata li ghandha post il-Mosta li huwa sigur hafna. Ic-CEO cemplet lil Permanent Secretary Johann Galea u dan qallha biex tikteb lil Permanent Secretary fil-Ministeru tal-Intern, Joyce Dimech li tahta taqa' l-armata, biex tistaqsiha jekk din is-soluzzjoni kinitx possibili. Fit-30 ta' Dicembru 2024 hi baghtet email li Joyce Dimech u anke cemplitilha u spjegatilha x'kien il-concern tad-dwana. Joyce Dimech talbitha tibghatilha email fejn tispjegalha ahjar is-sitwazzjoni halli tkun tista' tikkuntattja lill-Brigadier. Ic-CEO reghet spjegatilha fl-email dak li kienet qalilha bil-fomm u ziedet li l-Agenzija tal-Qorti kienet lesta li thallas fixed point tkun fejn tkun sejra d-droga. Joyce Dimech informat lil Ministru Camilleri bit-talba u dan qallha "Tara l-armata, jitkellmu bejniethom." Joyce Dimech tat il-contact number tal-Brigadier lic-CEO tal-Qorti biex hija tkellmu direttament. Il-Brigadier informa lic-CEO li sab post fejn jista' jzomm id-droga imma ried li din tkun maghluqa go container u li kellhom bzonn iqabbdu burdnar biex jittrasportaha. Fis-6 ta' Jannar 2025 il-Brigadier accetta li jzomm id-droga ghandhom. Il-Magistrat Inkwerenti fit- 8 ta' Jannar 2025 laqa' t-talba tac-CEO biex d-droga tigi trasportata mill-Freeport ghal post aktar sigur kif desinjat

mill-Bridagier. L-ghada c-CEO talbet lil Brigadier jekk ghandux bzonn fixed point u hu qallha li le, basta li l-kontejner ikun secured. George Scerri ssuggerixxa burdnar li jahdem mad-dwana. U sar security check fuqu u gie accettat. Saru l-arrangamenti kollha mis-Spettur Mark Mercieca fir-rigward tal-logistika u permessi u dettalji tan-nies minn naha taghhom li kienu se jakkompanjaw din l-operazzjoni billi l-AFM riedu d-dettalju tan-nies li se jidhlu fil-kwartieri taghhom. L-operazzjoni tat-trasport tad-droga ghal Safi sar fis-16 ta' Jannar 2025 fil-5.30 am.

**b) gjaladarba dan l-esebit gie fil-kustodja tal-Forzi Armati ta' Malta, tezamina jekk ittiehdux il-mizuri kollha ta' sigurta li kellhom jittiehdu f dan il-kaz:**

Edric Zahra, Deputy Commander tal-Forzi Armati ta' Malta qal li mhux normalment jzommu droga taht il-kustodja taghhomn u din kienet l-ewwel darba li ghamlu hekk u dana partikolarment minhabba l-concern li gie espress li seta jinqala' inkwiet industrijali fil-Freeport. Meta giet accettata t-talba tal-Qorti biex huma jistorjaw id-droga I-Bridgdier sejjah it-team tieghu inkarigat mill-operations department biex jaghmel brainstorming ha jara fejn kien l-ahjar post u l-aktar adatt biex izommu l-container. It-team hareg bil-proposta li d-droga tinzamm fil-post imsejjah Faith Lines. Il-Brigadier informa lill-Qorti li kienu se jzommu d-droga basta li dawn ikunu maghluqa go container u ssigillati. Intalbet security check fuq il-burdnar li kien se jittrasport id-droga ghandhom. Ftehemu fuq data u lista ta' nies li kienu se jigu mal-container. Fil-fatt fis-16 ta' Jannar fil-5.30 am d-droga giet trasportata bl-iskorta tal-pulizija u n-nies mill-Qorti.

Fejn tpogga l-container f'Faith Lines hu compound zghir f'Hal Safi fejn ikun hemm is-suldati. Hemm firing range u training area. Il-perimiiter kollu huwa covered minn CCTV cameras u huwa fenced normali u hemm barbed wire fil-bicca ta' fuq tal-fence. F'kull parti tal-perimeter hemm cameras u hemm 35 wahda b'kollox. Ma hemmx blind spots. Il-post huwa strategiku ghax hu vicin hafna ta' hames units ohra tal-Forza. Il-post mhux izolat bhal post li ghandhom il-Mosta. Hu compound zghir ghalhekk meta suldat jaghmel il-patrol ghandu vizibilita aktar facili, ronda jaghmilha aktar malajr u l-presenza tieghu aktar tinhass u jekk xi hadd ighajjat tisimghu ghax qieghed

close proximity u tirreagixxi malajr komparat ma' barracks ohrajn li huma kbar u tintilef fihom.

Ghalkemm fix-xiehda tieghu l-Brigadier O'Neil ighid li lilu ma offrewlux fixed point meta hadu d-droga ghandhom imma din kienet biss diskuzzjoni bejn il-pulizija u l-Qorti. Fil-fatt hemm messaggi (ara WhatsApp chat bejn ic-CEO tal-Qorti u l-Brigadier fejn din staqsitu *jekk hemm bzonn fixed point fejn ha tkun stored u hu wiegeb No. Dik l-intention li ma jkollniex fixed point imma jkun secured mhux hekk.* Il-Brigadier argumenta li anke kieku offrewilu din il-fixed point ma taghmilx sens ghaliex ir-risk assessment ma jsirx semplicement ghax ghandek il-fixed point imma dan jigi determinat fuq is-sistema kollha adottata u jaf li ma jkollox bzonn fixed point imma ma teskludihx. Skont il-Brigadier f'dan il-kaz kellhom ahjar minn fixed point ghax kellhom tlett suldati fuq aktar minn tletin camera li jaraw filghodu u filghaxija u hemm il-passive security li hija l-fence. Ghandek l-active security cjoe cameras, tlett minn nies u ghandek it-telephones li bihom tista' taqbad ma kulhadd.

Dwar il-kwistjoni ta' dhul li sar billi fethu toqba fil-fence id-Deputy Commander isostni li skond Armed Forces of Malta Standing Orders Section 3 –para 5(a)(1) refers to a perimeter fence in which its purpose is to:

*(a) Assist control of access to and from the barracks/military installation.*

*(b) Deter and delay intruders.*

*(c) Protect guards from surprise intrusions.*

*(d) Assist in identifying an intrusion by delineating a surveillance zone to be covered by lights, patrols, and observation positions.*

Actions for para 5(a)(1)(d), mainly *patrols and observation posts* are specific duties listed under para 2 of the Special Operations Unit Faith Lines Guard Duties Standing Orders – Annex B – Orders for Faith Lines Duty Sentry: *The duties of the sentry are to maintain watch of CCTV monitors and patrolling Faith Lines and its perimeter fence. During such patrols, the CCTV is to remain manned by the duty personnel.*

Skont il-Deputy Commander 'the AFM took a balanced approach for the security of the container, whereby, taking into consideration the size of the compound, and available tools in hand, a fixed-point duty (which provides for the physical presence) was replaced by frequent patrols in the area of

responsibility. Such stance in posture (routine patrols) allows for the same outcome of a fixed point as both allow for the guard to take immediate action, and to act as a deterrence. Furthermore, the area was closely monitored with live CCTV streaming, allowing for a broader surveillance that permits for an earlier and faster detection, and for a coordinated response to incidents.

AFM's approach was in adopting a comprehensive security system, which system was functional but unfortunately failed due to the human element. Although AFM comprehensive security approach catered for the needed measures, reduced potential human fatigue, and provided an adequate working environment, regrettably and inappropriately the guards on duty took a drastic shortcut by not abiding to the given orders, in which failure led to the fiasco of the whole operation.

**Kif saret is-serqa**

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-serqa saret ghax is-suldat li kien ghassa fuq il-monitor bil-cameras ma ghamilx xogholu ghax minflok qghad constant monitoring kif kellu jaghmel qghad jara film ta' saghtejn fuq it-tablet b'earphones; ghamel kwarta ohra mat-tfajla fuq it-mobile u anke sajjar fil-kitchenette u kiel u bejn il-11.25 pm u 2.50 am ma ghamilx patrol ohra jew iccekkja l-container ghax kieku kien jinduna li saret is-serqa. Dan kollu johrog miz-zewg statements li ghamel is-suldat fejn ammetta li ma ghamilx constant monitoring dak il-lejl.

L-area kienet kollha covered bil-cameras u l-cameras kollha kienu qed jahdmu u kienu cari u kienu fixed fuq il-container 24/7. Ghalkemm is-suldat qal li ma rahx hallelin minn fuq il-monitor dak il-lejl imma meta urewh il-playback tal-film hu kkonferma li kien qed jara l-hallelin jaqtghu s-sigilli u dehlin u hergin mill-container u anke seta jara d-dawl tat-torches li l-hallelin kienu qed juzaw. Il-cameras kienu hadmu.

Dak il-hin tas-serqa ma dahlu ebda vetturi mill-main gate principali ghal gol compound imma l-hallelin dahlu billi ghamlu toqba fil-fence tal-perimeter, marru fejn il-container u fethuh billi qatghu l-katnazzi u s-sigilli. Huma dahlu diversi drabi f'temp ta' kwazi tlett sieghat, tefghu d-droga fil-basktijiet, hargu u kien hemm vettura barra fit-triq ftit il-boghod tistennihom biex ighabbu d-droga u ohra aktar il-boghod ghassa. Dawn in-nies inqabdu permess tas-CCTV cameras imma s-suldat ma ra xejn minn dan. Kieku s-suldat kien qed ihares lejn il-monitor kif kellhu jaghmel, u anke jekk kien disattent xi ftit

mumenti, zgur li kien jinduna f'temp ta' saghtejn jew aktar li qed issir serqa mill-container u jaghti l-alarm.

Fil-kamra fejn kienu ghassa kien hemm tlett suldati, tnejn isfel u wiehed fuq. Ta' fuq kien bir-rest, iehor suppost qed jhares lejn il-monitor u iehor vicin tieghu fuq sufan suppost rest imma kien rieqed. [rest ma jfissirx li torqod ghal saghtejn] Dan suppost jiehu post dak li jkun fuq il-monitor jekk dan irid jiccaqlaq jew imur jaghmel ir-ronda. F'dan il-kaz is-suldat li kien mal-monitor qal li biex ma jqajjimx lil siehbu li kien magembu rieqed minflok rest, ra l-film bil-headphones biex zgur l-iehor ma jisimghux jew ma jqajjmux imma fl-istess hin hu bl-earphones ma kienx se jisma dak li qed jigi barra. Kieku l-bumbardier li kien magembu ma raqadx dawk is-saghtejn jew tlieta kollha kien jinduna li siehbu ma kienx qed jaghmel xogholu imma kien qed jara film u li lanqas hareg patrol. Huma kellhom bil-miktub x'kellhom jaghmlu u l-cameras kienu jafu ihaddmuhom. Kellhom il-Guide Duties Standing Orders kif ukoll specific order, l-Orders For Faith Lines Guards Third Party Storage Container. Dawn ta' l-ahhar hargu meta l-container tpogga hemm.

Il-hallelin jidher li kellhom informazzjoni fejn kien il-container u li fih d-droga. Huma ma kienux dehlin jisirqu minn go xi dar jew hanut imma minn barracks tas-suldati li jkunu armati. [Fil-fatt dawn is-suldati kienu armati]. Kumbinazzjoni s-serqa li damet aktar minn saghtejn saret meta dan is-suldat li suppost kien ghassa mal-cameras kien qed jara film fuq it-tablet bl-earphones u s-suldat l-iehor magembu rieqed. Il-hallelin kellhom kwazi tlett sieghat shah jahdmu bla hadd ma jdejjaqhom gejjin u sejrin u anke marru ihottu go garage Haz Zebbug u jigu lura Safi sabiex ikomplu jisirqu donnu jafu li hadd ma hu qed jarahom.

Issemma' li dak in-nhar kien hemm dlam cappa, kien foggy u anke kien hemm flood lights mahruqin. Nonostante dana pero' l-cameras hadmu sew u qabdu bin-night vision dak li kienu qed jigri u jaghmlu l-hallelin. Fil-playback kienu jidhru sew. Illum jidher li ttrangaw id-dwal li ma kienux qed jahdmu.

Issemma li kien hemm skips qeghdin jaghttu parti mill-container. Fil-fatt dawn kienu qed jaghttu l-parti t'isfel tal-container izda xorta wahda l-kameras qabdu lill-hallelin jifthu l-container u jiedhlu u johorgu tlett darbiet u s-surroundings kienu jidhru sew. Jidhru anke l-hallelin juzaw it-torch lights.

Issemma ukoll li dak in nhar kienu tlett suldati minflok erba suldati imma l-istess suldat li semma dana qal li rari jahdmu bi tlieta min-nies bhal dakinhar.

**Konkluzzjonijiet**

**d) sabiex jislet il-konkluzjonijiet**

**Pulizija**

Din l-inkjesta kellha titmexxa b'mod illi ma tfixkilx u ma tippregudikax l-integrita' ta' xi investigazzjoni, inkjesta, jew prosekuzzjoni kriminali jew procedimenti legali ohra li jkunu pendenti dwar l-akkadut mertu ta' din l-inkjesta amministrattiva [ara Terms of Reference].

Ghalhekk l-esponent mhux se jidhol fix-xoghol ta' investigazzjoni li ghamlet il-pulizija wara s-serqa. F'dina l-inkjesta ghal dak li jirrigwarda l-funzjoni taghhom il-pulizija kienu ntalbu li jaghmlu fixed point mad-droga meta kienet inqabdet mid-Dwana u d-droga b'ordni tal-Magistrat inkwirenti fuq talba tal-Qorti thalliet il-Freeport sabiex tigi kustodita minnhom. Il-Pulizija baqghet ghassa mad-droga wkoll meta haduha biex tigi distrutta l-WasteServ, u meta finalment giet trasportata taht skorta minnhom ghand l-Armata. F'dan il-kaz ix-xoghol tal-pulizija kien car u dan sar mill-ewwel gurnata li tqabbdu jaghmlu l-ghassa mad-droga fis-20 ta' Gunju 2024 sas-16 ta' Jannar 2025 meta giet trasportata ghand l-armata. F'dawn is-seba' xhur id-droga ma nsterqitx.

**Agenzija tal-Qorti**

Fir-rigward tal-qabda tad-droga, l-ezibizzjoni formali tad-droga fil-Qorti u l-kustodja taghha sakemm damet il-Freeport giet segwita mill-Qorti l-procedura normali, flimkien mal-Pulizija u d-Dwana. Is-segretarju permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja ntalab il-pariri u l-assistenza kif isir normalment. Kemm il-kustodja u l-parzjali distruzzjoni tad-droga kollha saru fuq talba tal-Agenzija tal-Qorti wara ordni tal-Magistrat inkwirenti. Intuzat is-solita procedura.

Fil-kaz tat-talba mill-Agenzija tal-Qorti ghat-transport tad-droga ghal ghand l-AFM intalbet l-assistenza tas-segretarja permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Intern li tahtha taqa' l-Armata u bl-approvazzjoni tal-Bridgadier u konsultazzjoni mal-Ministru d-droga giet trasportata ghand l-AFM wara giet

ottenuta l-approvazzjoni tal-Magistrat inkwirenti li ordna li d-droga tithalla f'post aktar sigur kif desinjat mill-Brigadier tal-Forzi Armati.

## Ghaliex id-droga damet id-dwana

Id-droga kienet thalliet mill-Agenzija tal-Qorti fil-Freeport ghal perjodu twil minn Lulju sa Dicembru 2024 u tad-Dwana ma riedux ikomplu jzommu d-droga billi kien hemm biza` ghas-sigurta` u sahha tal-haddiema u anke kien hemm theddiha ta' azzjoni industrjali.

Ir-raguni ghaliex id-droga thalliet il-Freeport ghal dak il-perjodu twil meta dina kellha tigi distrutta kemm jista' jkun malajr, skont l-Agenzija tal-Qorti hija li l-inceneratur l-ewwel kien shutdown imbaghad meta bdew jaharqu d-droga gralu hsara u gew infurmati li kellu xhur biex jissewwa u jerga' jibda' jiffunzjona. Min-naha tal-WasteServ li gew mitluba jiddistruggu d-droga jghidu li ghalkemm l-incineratur, li mhux intiz biex jahraq droga in bulk, sarlu hsara estensiva dan gie rrangat wara ftit gimghat u rega' beda jiffunzjona. Giet ezebita dokumentazzjoni li tikkkonferma dana. Tal-WasteServ kienu lesti li jaharqu d-droga imma mhux in bulk u trid tkun staged.

Jidher li kien hemm nuqqas ta' ftehim u bejn Lulju u Dicembru 2024. L-informazzjoni li kienet qed tinghata min-naha tal-Qorti kienet li l-inceneratur kien se jkollu xhur biex jittranga meta fil-fatt ma kienx hekk u d-droga baqghet hemm id-Dwana. Minghar ma saret talba biex tigi distrutta.

## Ministru Byron Camilleri

F'dan il-kaz il-Ministru Byron Camilleri hass li anke jekk ma kienx direttament involut, hu jemmen fl-irgulija, u kien lest li jgorr ir-responsabilita' u kien offra lil Prim Ministru r-rizenja tieghu li pero' ma gietx accettata.

Il-Ministru spjega li s-segretarju permanenti tal-Ministeru tieghu kienet cemplitlu dwar it-talba biex droga li kienet f'idejn il-Qorti tigi trasportata l-AFM u hu qalilha "treat with caution" u biex titkellem mal-Brigadier u jirrangaw bejnithjom. Minn dakinhar `l hemm hu ma giex aktar infurmat la li giet accettata dik it-talba tal-Qorti mill-Brigadier lanqas fejn hadu d-droga u x'sigurta` ttiehdet. Ir-rwol tal-Ministru mhijiex li jindahal fl-investigazzjonijiet jew liema mizuri ta' sigurta' ghandhom jittiehdu. Hemm

persuni fil-pajjiz mharrga mill-Istat stess biex jiehdu hsieb is-sigurta` tal-pajjiz. Ir-rwol tal-Ministru hija l-policy mhux it-teknikalitajiet ta' sigurta'.

**Suldati**

Is-serqa grat ghax is-suldat li kien ghassa fuq il-monitor bil-cameras ma ghamilx xogholu u minflok qghad constant monitoring kif suppost kellu jaghmel qghad jara film ta' saghtejn fuq it-tablet b'earphones; ghamel madwar kwarta ohra mat-tfajla fuq it-mobile u anke sajjar fil-kitchenette u kiel u bejn il-11.25pm u 2.50 am m' ghamilx patrol ohra jew iccekkja l-container. Kieku ghamel xogholu kien jinduna li saret is-serqa jew kienet qed issehh serqa. Dan kollu johrog miz-zewg statements li ghamel is-suldat fejn ammetta li ma ghamilx constant monitoring u li naqas.

Il-bumbardier li kien xoghol ma' gemb dan is-suldat kien rest (ma jfissirx li seta jorqod ghal saghtejn) kieku ma raqadx kien jinduna li siehbu ma kienx qieghed constant monitoring u li ma ghamilx ir-ronda.

**Forzi Armati**

Il-Magistrat inkwirenti fuq talba tal-Agenzija tal-Qorti u wara accettazzjoni mill-Brigadier tal-Forzi Armati ordna li d-droga tinzamm f'post aktar sigur kif desinjat mill-Brigadier.

Il-Brigadier permezz tat-team tieghu ghamel risk assessment u ma riedx li jkun hemm fixed point mill-pulizija billi skont hu kellu aktar minn tletin fixed points (cameras). L-assessment ma sarx fuq fixed point imma fuq sistema shiha. F'dan il-kaz ighid li kellu ahjar minn fixed point ghax kellu tlett suldati fuq aktar minn tletin camera li jaraw filghodu u bil-lejl bin-night vision. Ghalhekk kien hemm l-active security cioe' cameras, tlett suldati u patrols u kellu l-passive security li hija l-fence. Is-suldat in kwistjoni kellu l-ghodod kollha u s-sistema li tahdem u li kien jaf ihaddem. Mhux kaz li setghet qabiztlu xi haga u ma ndunax.

Fil-fatt pero' s-sistema ma hadmitx kemm min-naha tal-active security cioe' s-suldati u l-patrols kif ukoll fil-passive security il-fence. Il-cameras wahedhom ghalkemm tajbin mhux bizzejjed jekk il-partijiet l-ohra tas-

sistema ma jahdmux. Il-fence m'ghandhiex tigi kkunsidrat biss bhala boundary line kif gie suggerit imma ghandha jkollha xi tip ta' protection u kif inh zgur mhiex safe bizzejjed ghal bazi militari. Ghalkemm hemm security hemm fejn jittranga.

Inoltre ma tistax tiddependi biss minn cameras. Tiehu kemm tiehu mizuri, hemm dak li jissejjah residual risk bhal ma huwa qtugh tal-fence u human failure u ghal dawn trid tiehu mizuri wkoll. Ma jidhirx li kien hemm contingency ghal dan minkejja illi nghad mill-oghla ufficjali tal-Forzi Armati illi ghamlu risk assessment u studjaw dak kollu mehtieg sabiex ikunu ppreparati ghaz-zamma tal-container in kwistjoni.

Dan il-kaz hu serju mhux biss ghax insterqet kwantita' kbira ta' droga imma ghax kien hemm breach f'post li suppost hu sikur bhal ma huma barracks tas-suldati.

Gew indikati ukoll nuqqasijiet li ghalkemm ma kienux determinati ghas-serqa, ghax fil-fatt l-cameras qabdu l-hallelin, kellhom jigu evitati. Hekk per ezempju kien hemm zewg skips li kienu qed jghattu parzjalment l-container. Wara s-serqa tnehhew minn hemm. Gie osservat ukoll li kien hemm xi floodlights mahruqin li kien ilu jintalab li jigu mibdula. Wara s-serqa trangaw. Kien evidenti l-locks fil-container ma kienux bizzejjed u fil-fatt wara s-serqa gew iwweldjati tlett bars mal-bieb tal-container.

Irrizulta li s-suldat in kwistjoni kellu ukoll inizzel il-hinijiet meta jaghmel ir-rapport. Biss wara li gew ezaminati l-guard reports irrizulta li d-dokumentazzjoni mehtiegha mhux dejjem giet iddokumentata kif suppost, dan ghaliex kien hemm drabi fejn l-isem ta' min iccekja l-container ma kienx imnizzel, u / jew il-hinijiet ma kinux kif attwalment saru (ghaliex hafna drabi l-hin kien jigi mnizzel fuq is-siegha (to the hour).

Ghalhekk hawnhekk jidhol il-kuncett ta' residual risk li ssemma' qabel. Dan il-kuncett fih l-element ta' kontabilita' jew ahjar *accountability*. Fil-kaz in ezami jidher illi min kien inkarigat mill-organizzazzjoni jew li jimmanigja dak kollu mehtieg ghaz-zamma kif suppost tal-container mertu tal-inkjesta naqas ghaliex dawn ir-*residual risks* ma' gew identifikati, moniterjati u indirizzati, x'aktarx ghaliex kien hemm assunzjoni li dak kollu li kienu hasbu ghalih kien bizzejjed.

**b) jitressqu dawk ir-rakkomandazzjonijiet necessarji, kemm regolatorji kif ukoll amministrattivi.**

1. Ghar-rigward tal-container mertu ta' din l-inkjesta hemm diga` zewg talbiet, wahda mill-Qorti biex jigi distrutt il-kumplament tad-droga u ohra mill-Armata biex id-droga titnehha minghand l-AFM billi n-numru ta' ritratti, filmati u artikoli li ċċirkulaw dan l-aħħar fuq diversi medja soċjali, esponew il-kunfidenzjalità ta' dan il-kontenut sensittiv.

2. Problema li giet ezaminata f'dan il-kaz hija li f'Malta jezisti incineratur wiehed fejn qed tinharaq id-droga li hu antik u jieqaf sikwit. Ghalhekk hemm bzonn li jkun hemm incineratur gdid li jista' jiehu konsenji specifici kbar ta' droga maqbuda ghall-hruq. Isemma' li hemm pjanijiet biex jinbena inceneratur gdid il-Maghtab u li tal-Marsa jibqa' cold stand by imma b'kundizzjoni li jista' jopera wkoll. Idealment il-hazna tad-droga li se tigi distrutta tigi mizmuma fl-istess bini tal-inceneratur jew fil-vicin wara li jsiru r-risk assessments kollha necessarji li jkopru anki riskji residwi li jista' jkun hemm.

3. Problema ohra hija li f'Malta ma hemmx postijiet kbar bizzejjed, siguri u adegwati fejn dina d-droga u anke oggetti ohra ezibiti jew konfiskati jistghu jigu storjati. Idealment ghandu jkun hemm post wiehed fejn jitpoggew l-ezibiti kollha [proceeds of crime]. Il-Qorti trid tinvesti f'compound jew tibni xi haga ghal kollox.

4. Isir esercizzju biex jigi deciz x'ser isir mill-vetturi mizmuma f'idejn il-pulizija f'Pembroke u ta' Kandja ghaliex dawn ilhom hemm zmien u jiehdu hafna spazju li jista' jigi uzat mill-pulizija mod iehor.

5. Isiru diskussjonijiet dwar soluzzjonijiet ohra kif id-droga maqbuda tista' tigi distrutta malajr jew anke esportata. Tintalab l-assistenza tal-counterparts f'pajjizi ohra li jaqbdu kwantitajiet hafna akbar minn Malta u jigi studjat kif dawn il-pajjizi solvew din il-problema dejjem fid-dawl ta' dak illi tista' taghmel Malta tenut kont tal-limitazzjonijiet ta' pajjizna.

6. Tigi esplorata l-possibilita' li jkun hemm monitoring fil-control room tas-suldati fuq area ezatta u specifika biex jigi verifikat li x-xoghol qed jsir minghajr ma tintrudi fuq il-privatezza tal-haddiema b'konformita' mal-ligijiet tal-privatezza u d-data.

7. Possibilita' li jkunu nstallati Intrusion alarms mal-fence u postijiet ohra fejn dan huwa mehtieg.

**Jirrakkomanda x'konsiderazzjonijiet ghandhom jittiehdu rigward il-pubblikazzjoni tar-rapport in kwistjoni u dan partikolarment sabiex tigi ssalvagwardjata l-integrita' tas-Sigurta Nazzjonali u l-process gudizzjarju.**

Ma tigiex ippubblikata l-parti indikata bhala PROVI fejn hemm ix-xhieda tal-persuni li xehdu.

Ismijiet tas-suldati u persuni ohra ma jidhrux fil-Konsiderazzjonijiet u Konkluzzjonijiet izda huma indikati fil-parti 'Provi'.

Jistghu jigu ppubblikati

Fatti – Konsiderazzjonijiet – Konkluzzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet

Jew

Konkluzzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet biss .

17/3/25